# Il-Ġenna tal-Kappillan Vincenzo Muscat

## *Ikla Divina lil San Anard mill-paniġierku tal-1731*

**Dr Noel Buttigieg**
B.A.(Hons)(Melit.),M.A.(Melit.),Ph.D.(Melit.)
**u Kenneth Cassar**
B.A.(Hons)(Melit.),M.A.(Melit.)

*Ir-riċerka sabiħa għaliex ħafna drabi tista' tmur lura għas-sorsi li tkun ikkonsultajt qabel, u terġa' tinterpretahom minn angoli differenti, skont l-interessi u s-suġġetti li tkun qiegħed taħdem fuqhom f'dak il-perijodu partikolari. Hekk ġara meta dan il-paniġierku tal-Kappillan Vincenzo Muscat tas-seklu 18, reġa' ġie f'idejn Kenneth Cassar u l-istoriku tal-ikel Dr Noel Buttigieg. Dan l-artiklu jlaqqa' flimkien interessi lejn il-festa Koppija u d-devozzjoni lejn San Anard u l-kultura tal-ikel li tirrifletti l-iżviluppi soċjali, politiċi u ekonomiċi ta' Malta fis-seklu 18.*

### Introduzzjoni

Xi xhur ilu rċevejna senjalazzjoni mill-Arkivji tal-Katidral tal-Imdina, li fost it-teżori ta'dokumenti fil-fondo Panzavecchia kien hemm paniġierku ta' San Anard, minsuġ mill-Kappillan tal-Parroċċa ta' San Leonardu Abbati nhar il-festa tas-6 ta' Novembru tal-1738. Għall-ewwel ħsibt li sibna paniġierku ieħor, biss meta kkonsultajnieh sibna li dan kien kopja oħra tal-paniġierku li hemm il-Bibljoteka Nazzjonali u li dwaru kiteb Patri Alexander Bonnici O.F.M. Conv. fil-ktieb tal-Festa tal-Għaqda Mużikali San Leonardu fl-2001 u l-2002.[1] Dan l-istess paniġierku ġie traskritt u pubblikat kollu minn Monsinjur Vincent Borg fit-tielet volum tal-opra monumentali ta' riċerka tiegħu *Melita Sacra III – The Maltese Diocese during the Seventeenth Century.*[2] Borg ippubblikah eżatt bħal ma' jidher fid-dokument, bit-Taljan, skont id-drawwa tal-paniġierki ta' dak iż-żmien, f'siltiet, talbiet u kwotazzjonijiet qosra mill-Bibbja bil-Latin. It-titlu tal-paniġierku li jidher f'Borg hu: *Panegirco In onore di San Leonardo Confessore composto, e detto dal Molto reverend Signor D. Vincenzo Musscat, Cappellano di Casal Chercop il dì 6, 9mbre 1733.* Borg jagħti wkoll ir-referenza, NLM Ms 135, għaldaqstant nafu li kien qiegħed jaħdem fuq il-verżjoni li tinsab il-Bibljoteka Nazzjonali. Min-naħa l-oħra fl-artiklu tiegħu Bonnici jagħmel traduzzjoni għall-Malti, jgħid li l-paniġierku hu datat għall-1735 u li d-dokument li ġie f'idejh hija traskrizzjoni minn fuq l-oriġinali miktuba minn Dun Nikol M. Demayo fit-18 ta' Novembru 1876.[3] Sfortunatament ma nsibux referenzi u għaldaqstant ma' nafux fejn qiegħed id-dokument li fuqu ħadem Bonnici. Id-dokument mill-fondo Panzavecchia, fl-arkivji tal-Imdina jġib l-isem *Panegirco di S. Leonardo fatto dal Parroco Ro. Sigr. Don Vincenzo Muscat Presentato il 6 9bre 1738.*[4] Fl-aħħar tal-paniġierku hemm data 24 ta' Marzu 1798, x'aktarx id-data meta dan id-dokument ġie traskritt minn dokument ieħor eqdem.

Għalkemm il-kontenut tal-artikli, it-traskrizzjoni u d-dokument tal-Imdina huma l-istess fil-kontenut tagħhom, kif qegħdin taraw id-dati ma jaqblux. Filwaqt li fit-traskrizzjoni ta' Borg il-paniġierku hu ddatat għall-1733, f'Bonnici tidher id-data 1735 u fid-dokument tal-Imdina, għalkemm mhux daqstant ċara, x'aktarx id-data hi 1738. Sakemm ma jiġix f'idejna l-manuskritt




Il-paġna bit-titlu tal-paniġierku fl-Arkivji tal-Katidral tal-Imdina, ACM, Prediche, Vol. Pan. 91, ff. 283-304.

l-oriġinali tal-kappillan Muscat, naħseb ser ikun diffiċli li nistabilixxu eżatt id-data, dan għaliex jidher li f'żewġ ċirkostanzi minn tal-anqas żewġ dokumenti qegħdin jikkopjaw manuskritt li huwa eqdem. Min-naħa l-oħra fl-introduzzjoni tiegħu fl-istess paniġierku, il-Kappillan Muscat isemmi li r-Re Luiġi XIV ta' Franza kien ilu mejjet sittax-il sena, xahrejn u ħamest ijiem. Jekk inżidu dawn mad-data tal-mewt tal-istess Re, jiġifieri l-1 ta' Settembru 1715, jirriżulta li l-Kappillan kien qiegħed jippriedka nhar is-6 ta' Novembru 1731. F'dan il-baraxx ta' dati, ser inżommu ma' din id-data sakemm ir-riċerka tiċċara ftit aktar is-sitwazzjoni. Ta' min ngħidu li dan il-paniġierku hu xogħol il-Kappillan Vincenzo Muscat li serva bħala r-ragħaj tal-Parroċċa mill-1705 sal-1743. Mill-paniġierku stess insiru nafu li dan ma kienx l-ewwel paniġierku tiegħu ad unur San Anard, u li dan il-Kappillan kien imlaqqam iċ-*Cenacolo*.

F'dan l-artiklu ser niffukaw fuq konsiderazzjonijiet interessanti li joħorġu minn dan il-paniġierku, partikolarment meta l-Kappillan jiddeskrivi ikla sofistikata fil-ġenna sabiex tonora lil San Anard. Naraw is-saħħa tal-ikel sabiex tispjega kunċetti ta' perfezzjoni, glorja u liberazzjoni minn ħajja ta' sagrifiċċju. Ma jonqosx li nidħu fuq l-istorja u l-kuntest storiku tal-affarijiet ppreżentati fuq din il-mejda. Ħsibna però li qabel ma niffukaw fuq dan is-suġġett inwasslu l-kuntest u t-temi li l-Kappillan Muscat iwasslilna f'dan il-paniġierku. Lil' hemm mill-fervur u d-devozzjoni kbira lejn il-Qaddis, naraw ħafna aspetti mill-ħajja politika u reliġjuża tal-Malta fis-seklu 18.

### Il-Paniġierku

Il-Kappillan Muscat jibda din iċ-ċelebrazzjoni tal-paniġierku ta' tifħir lil San Leonardu billi jispjega li hu mhux qiegħed fuq il-pulptu biex jirrakkonta l-għeġubijiet tar-Re Filippu II ta' Spanja (1527-1598) jew tar-Re Luiġi XIV ta' Franza (1638-1715) imma biex ifaħħar lil San Anard *"uno dei piu' grandi Santi, anzì il più grande frà Santi che venera Chiesa Santa"*. Minbarra l-fervur u d-devozzjoni bla qies lejn San Anard, mill-ewwel nindunaw li l-Kappillan Muscat kien bniedem kolt, u aġġornat fl-istorja politika ta' imperi kbar bħalma kienu Spanja tas-seklu 16 u Franza ta' żmienu. Ftit wara jagħmel aċċenn għall-mitoloġija Griega bl-istorja ta' Icarus.


***Ir-Re Filippu II ta' Spanja, National Portrait Gallery, Londra***

Fl-introduzzjoni tiegħu l-Kappillan Muscat jindika li hekk kif fil-paniġierku tas-sena ta' qabel irrakkonta dak kollu li kien jaf fuq il-ħajja u l-id t'Alla f'San Leonardu li tagħmlu l-akbar fost il-qaddisin tal-Antik u l-Ġdid Testament, fil-paniġierku ta' din is-sena kien ser jiffoka fuq il-virtù tal-umiltà li San Leonardu għix f'ħajtu u li wasslitu għall-qdusija. Umli fuq l-art u eżaltat minn Alla fil-qdusija tas-sema.

Ta' min isemmi li l-kappillan Vinċenz Muscat jibda jsemmi aneddotti mill-ħajja ta' San Anard, li forsi aħna m'aħniex familjari magħhom. Jgħid li twieled Pariġi minn ġenituri qrib iċ-ċrieki rjali, u li l-ewwel kliem li lissen il-Qaddis kienu: *"Mon Dieu! Jesus Christi Fils de Dieu, Marie Vierge Mere de Dieu, et notre Dame, je vous donne mon Coeur, je vous donne mon amè. Pere, Fils, et Saint esprit, tres Sainte Trinitè donnè moy la vertù de l'umilitè"*. Apparti li jurina li kellu għarfien tal-franċiż, il-Kappillan jispjega li fost l-ewwel kelmiet taċ-ċkejken Leonardu kien hemm talba

lit-Trinità u lill-Madonna sabiex jagħtuh il-virtù tal-umilta'. Jirrakkonta wkoll li meta darba waqt lezzjoni tad-duttrina fil-katidral il-kappillan staqsa lit-tfal u irġiel preżenti liema hi l-isbaħ fost il-virtuijiet, ilkoll bdew jitħawdu sakemm Leonardu, li kien għad ser jagħlaq ħames snin, kien pront iwieġeb li l-isbaħ virtù hi l-umilta' għaliex hi mgħallma lilna direttament minn Kristu f'episodju mill-iskrittura meta jgħid "tgħallmu minni għaliex jien ta' qalb ħelwa u umli." Il-Kappillan baqà bla kliem quddiem l-ispirtu ta' dan it-tifel, mhux biss għat-tweġiba li ta iżda wkoll għaliex Leonardu irrifjuta li jaċċetta rigal li l-kappillan ried jagħmillu bi premju għat-tweġiba tiegħu. Ikompli jisħaq il-Kappillan li Leonardu kiber fl-umilta', kien umli fl-ilbies, fil-mixja tiegħu u fi kliemu. Kien isum ħobż u ilma kull nhar t'Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt, kien jagħmel sagrifiċċji fiżiċi u ma kontx issibu f'postijiet li jqanqlu suspett. Il-postijiet li kien iżur kienu l-oratorji fejn kien jitlob għarkupptejh quddiem il-kurċifiss u fl-isptarijiet jagħmel atti ta' karità mal-batut.



***Ir-Re Luiġi XIV ta' Franza, Musée du Louvre, Pariġi***

Jirrakkonta wkoll aneddottu ieħor ta' meta ċ-ċkejken Leonardu ċċaħħad minn qubbajt imsejjaħ *nagato* li kienet irregalatlu zitu Ġenoveffa. Dan wara li ltaqa' ma' fqir li talbu biċċa. Minbarra l-istorja, interessanti l-ispjega li l-kappillan jipprovdi wara sabiex ifiehem x'inhu *nagato*, propju għaliex il-probabilità kienet li ħadd f'Ħal Kirkop ma kien rah jew daqu qabel. Jgħid li *nagato* hu bħal qubbajt li jsir b'lewż ħelu, għasel abjad, zokkor fin u ostja bajda. Jgħid ukoll li Spanja rinomati għal dan it-tip ta' ħelu, speċjalment f'Alicante fejn il-Kappillan ma kien jixba' qatt jiekol minnu. Dan huwa l-ewwel aċċenn li l-kappillan jagħmel għall-ikel sofistikat, li għalih bosta kienu mxennqa, propju sabiex jagħmel aktar enfasi fuq il-kunċetti spiritwali li jkun irid iwassal. F'dan il-każ il-karità u l-umilta' li kienet iġġiegħel lil San Leonardu jagħti ħwejġu u l-aqwa affarijiet tiegħu lill-fqar u jbiegħ il-patrimonju tiegħu sabiex jgħin lill-orfni u lir-romol u joħloq postijiet ta' talb. Kien ifittex li jkun l-aħħar, u jmur f'ambjenti minsija u inferjuri, anke' jekk bit-twelid f'familja stabilità kien jistħoqqlu jkun dejjem quddiem fl-iprem postijiet.

Din kienet l-istess umilta' li ġegħlitu jitbiegħed mir-rikkezzi u l-unuri tad-dinja, tant li rrifjuta kemm-il darba li jkun l-Arċisqof ta' Pariġi. Minn hawn il-Kappillan jieħu spunt sabiex jikkummenta fuq is-sitwazzjoni kurrenti tad-djoċesi Maltija, sabiex jgħid li madwaru mhux biss ħadd m'għadu jirrifjuta titoli simili, iżda bosta jsiru bħal klieb irrabjati jagħmlu minn kollox sabiex jilħqu dawn it-titoli tant li lesti jirrikorru għal affarijiet illeċiti. Huwa ċar li l-Kappillan kien jappoġġa lill-Isqof tal-ġurnata Paolo Alpheran de Bussan, biss jagħtina x'nifhmu li sakemm dan ġie kkonsagrat isqof sab ħafna tfixkil u ħafna maneġġi minn taħt.

Wara l-kappillan ikompli fuq l-umiltà ta' San Leonardu li jerħi warajh il-pompa tal-ibliet u jmur jgħix ħajja anġelika fid-deżert. Minn żmien għal żmien kien jidħol fl-ibliet jikkonverti l-midinbin u jassisiti lill-batut, tant li kien qiegħed jirbaħ is-simpatija ta' diversi dixxipli li kienu jsegwuh fis-solitudni. Il-Kappillan isemmi li skont l-ewwel kittieba tal-ħajja tiegħu San Anard kien żar ir-reġjuni ta' Provenza fi Franza, il-Piemonte, l-inħawi madwar Milan, u l-belt ta' Siena

fejn sa dakinhar (1733) kien għad hemm kunvent mill-isbaħ tal-Ordni ta' San Leonardu. Isemmi wkoll kif l-isem Leonardu ġej minn Leo u Nardus, l-iljun u l-fjur li tarmi il-fwieħa li Alla qatt ma jixba' jxomm tant li aktar kemm San Anard kien jumilja ruħu aktar Alla għollieh fil-qdusija anke permezz ta' ħafna mirakli li saru bl-interċessjoni tiegħu f'ħajtu u wara mewtu, sabiex it-tifħir u d-devozzjoni lejħ jibqgħu kbar. B'eżempju ta' dan il-Kappillan jgħaddi sabiex jirrakkonta xi mirakli li seħħu bl-interċessjoni ta' San Anard. Jibda bil-miraklu li għamel mar-re u r-reġina li kellha problemi fil-ħlas u jkompli bil-ħelsien ta' erba' skjavi Insara li b'invokazzjoni lejn San Leonardu jinħelsu minn Tuneż u jsibu ruħhom mirakolożament f'kunvent ta' San Anard qrib Pariġi fejn jippreżentaw il-ktajjen tal-jasar tagħhom lill-istess qaddis.



***Il-ħlas tar-reġina bl-interċessjoni ta' San Anard, pittura fis-Santwarju ta' San Leonardu, Apfeltrach, Ġermanja***

Il-Kappillan jirnexxilu saħansitra jirrakkonta l-mewt ta' San Leonardu bi ħlewwa kbira. Tant kien perfett fl-umilta' tiegħu li Alla ma setax jirreżisti quddiem tant perfezzjoni, tant li ħakmitu bħal għira ħelwa li teżor rari bħal dan kienet qiegħda tgawdih l-art. Għaldaqstant ried jaħtfu u jgħożżu miegħu. Hekk kif ħass it-tmiem ta' ħajtu riesqa San Anard, rċieva s-sagramenti u wissa lid-dixxipli tiegħu sabiex jgħożżu l-virtù sabiħa tal-umiltà, sabiex temm ħajtu hekk kif bdieha jbus il-kurċifiss. Il-Kappillan Muscat ikompli jiddeskrivi d-dħul ta' San Anard fil-ġenna milqugħ mill-anġli bi ġwienaħ dehebija u mill-istagħġib tal-qaddisin kollha hekk kif il-Missier Etern jgħanqu miegħu u jgħidlu *"Vieni o Leonardo, vieni a ricevere quella immarcescibile corona che sin da tutta l'eternità ti ho preparato"*. Wara sabiex jiddeskrivi l-glorja tal-premju tant mistħoqq wara ħajja ta' ċaħda fl-art, il-Kappillan jiddeskrivi ikla kbira ad unur il-qaddis, li fiha tinfetaħ il-kċina Divina sabiex tintrama mejda b'ikel u nbid mill-aktar sofistikat, fejn San Anard ikun onorat u jpoġġi f'ras il-mejda. Il-Kappillan jiddeskrivi l-ikel u l-inbid, fost l-ifjen għas-seklu 18 – dan hu s-suġġett ewlieni ta' dan l-artiklu, u dwar din l-ikla ser nitkellmu fid-dettal aktar 'il quddiem. Jissemma l-laħam fin tal-perniċi, farawni, dundjan, vitella, muntun ta' Maiorca, torti, pastiċċi, zlazi tal-laħam, pulpetti kbar fost ikel ieħor. Fost l-inbejjed fini tas-seklu 18 isemmi l-*moscatello di San Lorenzo*, ix-xampanja, u nbejjed ta' Spanja u Burgonia, *vino di Toccar*, *lagrima di Napoli*,



***Il-mewt ta' San Leonardu***



***Antoine Favray, Dr Salvatore Bernard mal-Mara u t-Tifel, żejt fuq tila, 1759, national Museum of Fine Arts, Houston***

*Mont'alcino*, *Monte Pulciano* u *Pur Castello*. Dwar is-sinjifikat ta' dan kollu nitkellmu aktar tard.

Wara din l-ikla qaddisa, tibda t-tieni parti tal-paniġierku, fejn il-Kappillan jistedinna sabiex nisimgħu u nistagħġbu bil-mirakli li baqgħu jsiru bl-interċessjoni ta' San Anard. Jirrakkonta li tlett ijiem biss wara mewtu diversi morda kisbu saħħithom lura, erbà muti kisbu l-kelma, tliet torox is-smiegħ u żewġ għomja l-vista. Isemmi wkoll kif bit-talb tal-Arċisqof lil San Leonardu nhar is-6 ta' Novembru, il-Qaddis ħeles lil Pariġi mill-pesta li kienet ħalliet aktar minn ħamest elef vittma u għal tlett xhur sħaħ ma kienx hemm imwiet la f'Pariġi u lanqas fl-inħawi. Il-Kappillan jispjega kif l-imħabba li l-Missier kellu lejn il-Qaddis kienet strumentali sabiex dan tal-aħħar jikkonvinċih irattab qalbu u jtemm il-flaġell tal-pesta. Isemmi wkoll rebħa mirakoluża li l-forzi Kattoliċi ta' Franza kellhom fuq armata ta' għaxart elef Barbaru fl-1702 wara li dawn talbu lil San Leonardu.

Il-Kappillan ikompli jfaħħar lil San Leonardu billi jsemmi mirakli li seħħew f'Malta, fil-Parroċċa Koppija bl-interċessjoni tiegħu. Isemmi lil Damiano, li wara sitt ijiem b'attakk tal-ġebla li żammu milli jagħmel l-urina, fieq u nħeles mill-ġebla, malli applika ftit żejt mill-lampier ta' San Anard. Isemmi wkoll it-tifla ta' Giacomo Pace li kienet ilha tliet snin issoffri minn deni tant li t-tabib Franċiż tal-Imdina (jista' jkun li dan kien Dr Salvatore Bernard li fl-1723 kien jgħix f'Casa Bernard?) kien ikkonkluda li dan kien każ iddisprat. Din fieqet eżatt malli ntemmet quddiesa li Giacomo kien għamel ad unur San Leonardu. Il-Kappillan jgħid li għaddielha d-deni, infetħilha l-aptit u rkuprat saħħitha, tant li tqawwiet u llum jista' jqis ruħu b'fortunat ir-raġel li jeħodha b'martu. Isemmi wkoll li fuq parir tiegħu Zambecchino tal-Conte Preziosi (magħruf bħala Tripolono) li kien ilu jbaħħar fil-Lvant għal tliet snin mingħajr aħbar ta' xejn, irritorna Malta wara li l-istess Conte Preziosi għamel tletin jum ta' talb u quddies lil San Leonardu. Mhux biss deher fuq ix-xefaq fit-tletin jum, iżda dan il-bastiment impenjat f'attività tal-kursara daħal il-port b'tagħbija ta' mitt elf skud, fi prodotti mid-dinja kollha fosthom kafè, ħarir, ross, flejjes u skjavi. Ta' min jirrimarka li dan il-Konti Preziosi x'aktarx m'huwa ħadd ħlief il-Konti Giuseppe Preziosi, iben il-kaptan Luigi Geronimo u Maria Bianca minn familja b'tradizzjoni ta' kummerċ u attivita kursara. Fid- 19 t'Ottubru 1718, b'digriet mogħti ġewwa Rivoli, Giuseppe ġie onorat bit-titlu ta' Konti minn Victor-Amadeus, Re ta' Sqallija u Duka ta' Savoy tas-sehem tiegħu meta l-istess Re kien assedjat u mhedded mir-Re ta' Spanja. Kien ibnu Francesco li ma żammx mat-tradizzjoni familjari ta' kursar meta fl-1741 laħaq *Secreto* tal-Gran Mastru Pinto, rwol li żamm fedelment għal 32 sena. Francesco jibqa' l-aktar magħruf għall-bini ta' Villa Preziosi, illum Villa Francia, ġewwa Ħal Lija.[5]

Il-kappillan isemmi wkoll li San Anard interċeda għalih propju sabiex isir dan il-paniġierku, propju għaliex kien ilu ġej minn ġimgħa ta' mikranja li ma ħallitux jaħseb. Sal-ġurnata ta' qabel ma kellux l-iċken idea dwar x'ser jippriedka tant li jgħid li ma kien prepara lanqas kelma

waħda minn dan il-paniġierku. Kien biss meta talab bil-qalb lil San Leonardu li nħeles mill-uġigħ u mtela' bl-għerf, tant li m'għandomx jistgħaġbu bil-kliem sabiħ ta' dan il-paniġierku għaliex dan hu kollu opra tal-istess qaddis.



**_Villa Preziosi, illum magħrufa bħala Villa Francia, ir-residenza uffiċjali tal-Prim Ministru ġewwa Ħal Lija_**

Jispikka wkoll element qawwi parrokkjali fil-kliem tal-kappillan Muscat. Fil-passaġġ li jmiss jirreferi għal Ħal Kirkop bħala belt, *Città Chercopense*, u jgħid li hi tassew ixxurtjata li m'għandhiex tħossha bl-ebda mod inferjuri għall-bliet u rħula kollha ta' Malta. Jgħid li huwa miraklu li minn Ħal Kirkop ħarġu tant personaġġi illustri, tant li lokalitajiet bħal Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi u l-irħula kollha, flimkien mal-Birgu, Bormla, l-Isla, il-Belt Valletta, Għawdex u l-Imdina għandhom ineħħu l-preżunzjoni kollha quddiem Ħal Kirkop. Saħansitra jazzarda jgħid li l-ibliet kollha tad-dinja fosthom Venezia, il-Perù, Padova, Vienna, Praga, Napli, Gaeta, Messina, Palermo, Milano, Cremona, Torino, Nizza, Pariġi, Lyon, Londra, Firenze, Kostantinopli, Amsterdam, Madrid, Lisbona, Valencia, Siena, Parma, Piacenza, Genova, Savona u Mantova, huma kollha inferjuri għal Ħal Kirkop. Il-fervur ikompli jispikka meta jikkwota l-letteratura Maltija li tfaħħar lil Birkirkara meta tgħid *Roma capud Mundi, ma Birchircara secondi* billi jemfasizza li għalih Ħal Kirkop huwa ewlieni fid-dinja, saħansitra qabel Ruma, *Chercop nostra capud Mundi Roma secondi.*



**_Ċirku ta' Francesco Zahra, L-Isqof Baldassare Cagliares, żejt fuq tila, Palazz tal-Isqof, Mdina_**



**_Francesco Zahra, L-Isqof Paolo Alpheran de Bussan, żejt fuq tila, Santwarju tal-Mellieħa_**

Ta' interess partikolari hu l-fatt li l-kappillan isemmi li l-Isqof Baldassare Cagliares kien jirrikonoxxi l-oriġini (jew il-konnessjoni) Koppija tiegħu. Ifaħħar mill-ġdid lill-isqof ta' żmienu, Paolo Alpheran de Bussan u jsemmi li dan kien devot kbir ta' San Leonardu. Wara l-kappillan jgħaddi sabiex isemmi elenku twil ta' nies prominenti minn gran prijuri tal-Ordni, għall-kappillani konventwali, teoloġi, predikaturi, kappillani, tobba, imħallfa, nutara, kirurgi, il-mastru tal-funderija, matematiċi, barbiera fini, kaptana u kursara rinomati. Dawn kollha jiġu mfaħħra għall-ħidma u l-kwalitajiet tagħhom. Jirrakkonta diversi ġrajjiet u kisbiet ta' dawn il-personaġġi li l-Kappillan isejjaħ eroj. L-għan ta' dan kollu x'aktarx hu li joħloq fervur, u sens qawwi ta' patrijottiżmu, sabiex il-kongregazzjoni li qiegħda quddiemu, tħalli warajha r-realtà ta' ħajja diffiċli u sens ta' inferjorità ta' raħal żgħir.

Lejn l-aħħar tal-paniġierku, il-Kappillan jerġà jitfa ħarstu fuq Ħal Kirkop meta jgħid li bħal dan ir-raħal m'hawnx. Dan għaliex f'Ħal Kirkop qatt ma seħħet serqa, jew qtil, ħadd qatt ma' ġie akkużat jew tressaq il-qrati tal-Castellania tal-Belt, jew dik Capitanale tal-Imdina. L-ebda Koppi ma spiċċa l-ħabs, frustat, ikkundannat għal fuq ix-xwieni jew sentenzjat għall-mewt. L-ebda mara ma waqqgħet l-unur ta' żewġha. Jiċċara wkoll il-fatt illi l-mara li toqgħod il-Belt magħrufa bħala Chercoppa, jgħidulha hekk mhux għax kienet Koppija imma għaliex hi skjava konvertita tan-nutar Chercop, li meta' tgħammdet ħadet kunjom sidha. Isemmi wkoll li Antonio Viver li kien sentenzjat għal-mewt fi żmien il-Gran Mastru Caraffa, ma kienx Koppi bħal ħuh Giovanni Battista, dan għaliex hu kien wild tat-tieni żwieġ ta' missieru u ommu kienet minn Ħal Qormi fejn Antonio ġie mwieled.

Qabel jikkonkludi jistaqsi lil dawk preżenti, jekk hux miraklu tal-mirakli li Ħal Kirkop għandu lilu bħala kappillan, b'tant żelu, tant imħabba u tant karità lejn il-parruċċani, tant li ma jiqafx jaħdem għalihom. Jistaqsi wkoll jekk il-knisja taħt il-parrokat tiegħu qishiex San Pietru f'Ruma, u s-saċerdoti li jassistuh humiex qishom il-kardinali tagħha, għax jekk Ruma tiftaħar li għandha l-Papa, Ħal Kirkop jiftaħar li għandu ċ-*Cenacolo*, li huwa l-laqam tal-Kappillan Vincenzo Muscat. *Che se Roma si gloria di aver un Papa, Chercop si vanta di avere un Cenacolo.*

Fl-aħħar nett idur fuq San Leonardu bħala l-protettur glorjuż tal-parroċċa u jitolbu sabiex iżommom taħt il-mant protettiv tiegħu u ma jiqafx ixerred fuqhom il-grazzji. Min-naħa tagħhom il-Koppin huma grati u mimlija devozzjoni, kif jidher mill-festa u l-knisja li hu jsejjaħ bażilika. Jirrimarka kif il-festa qiegħda tiġi ċċelebrata b'tant pompa b'ħamsin gandlier tal-fidda u mija u ħamsin xemgħa bajda ta' Venezja, mija minnhom fuq l-altar maġġur u ħamsin oħra mferrxa mal-altari l-oħra tal-knisja. Isemmi wkoll ir-riħa tal-inċens Portugiż li flimkien max-xemgħa taqbad titfa' fwieħa li ssaħħrek flimkien mal-mużika ċelesti ta' bosta strumenti. Lil San Anard jgħidlu li hu l-kawża għala l-knisja ma fihiex damask, dan għaliex bil-grazzji kollha li jaqla lid-devoti, dawn jonfqu l-flejjes tagħhom f'għotjiet ta' *ex-voto*, għajnejn u biżlejn tal-fidda, kwadri u pitturi, trabi tax-xemgħa, saqajn tal-injam, idejn u saqajn indurati u xagħar ta' xebbiet, u diversi rappreżentazzjonijiet ta' bastimenti, xambekki u qxur oħra tal-baħar, ilkoll ifakkru xi ġrajja ta' grazzji maqlugħa bl-interċessjoni ta' San Anard. Ħasra li minn dan kollu llum ma fadal xejn. Il-Kappillan isemmi wkoll l-attendenza numeruża, xhieda tad-devozzjoni kbira tal-Koppin. Jitolbu sabiex lil dawn iżejjinhom bil-virtù sabiħa tal-umilta', sabiex fuq l-eżempju tiegħu fuq din l-art, wara mewthom, bħalu jitelgħu is-sema sabiex igawdu flimkien miegħu lill-Alla li s-sbuħija tiegħu narawha fil-qaddisin tiegħu.

**Is-Simboliżmu tal-Ikel fil-Paniġierku**

Kultura kulinarja hija msejsa fuq il-ħsieb tal-bniedem. L-ikel huwa simbolu li jirrifletti żviluppi politiċi, ekonomiċi u soċjali. Il-paniġierku li qed niddiskutu hawn jippreżenta aspett interessanti tat-tifsira tal-ikel lis-soċjetà tas-seklu tmintax. L-assimilazzjoni tal-ikla mħejjija sabiex tonora l-qaddis twassal sabiex il-kongregazzjoni setgħet tifhem il-kobor spiritwali ta' din il-qdusija mal-aspett temporali li kulħadd kien jista' jifhem.

Id-dieta tas-soċjetà tas-seklu tmintax kienet magħmula minn konsum qawwi ta' ħobż tal-maħlut. Il-ħobż ismar, ippreparat minn taħlita ta' qamħ u xgħir, kellu marbuta miegħu bosta tifsiriet. Il-qawl Malti jgħid li 'ħobż tax-xgħir agħżel f'dar il-fqir'. Fl-istess żmien it-talba tal-Missierna kella sinifikat aktar temporali minn dak li nifhmu illum. 'Ħobżna ta' kuljum agħtina illum', kienet realtà ddominata wkoll mill-possibilta' li wieħed ibati l-ġuħ. Persuna li ma



*Giacomo Cerrutti, Natura Morta b'ħobż u salami, nofs seklu 18, Pinacoteca Brera, Milan*

setgħetx tixtri ħobż kienet meqjusa bħala persuna fqira.

Filwaqt li l-ħobż kien jiddomina l-kultura kulinari, il-maġġoranza tal-poplu kien joħlom li jiekol ħobż maħdum minn dqiq abjad, iduq laħam partikolari li kont issibu biss fuq l-imwejjed tas-sinjuri, u jixrob inbid fin u ta' kwalità. Is-silta mill-paniġierku tmiss fuq dan il-ħolm tant illi bosta setgħu jimmaġinaw il-kobor ta' din il-qdusija meta dawk preżenti saħansitra qatt ma kellhom l-opportunità li imqar jersqu viċin u jxommu wħud mill-ikel u x-xorb imsemmi mill-predikatur.

Minkejja dan kollu, il-predikatur għaraf li jsemmi ikel u xorb li l-Malti kien familjari miegħu, jew aħjar, li kien jaf li jeżisti fuq l-imwejjed tan-nobilità, fosthom dawk li jiffrekwentaw l-avvenimenti organizzati mill-awtoritajiet Maltin tal-istess żmien. Evidenza ta' dan insibuh miktub fl-arkivji tal-perjodu.

Nibdew biex insemmu dak li huwa nieqes mil-lista, dak li jxebba' n-nies ta' kuljum, il-ħobż. L-ikla fl-unur tal-qaddis mhux talli ma kienx hemm ħobż, imma saħansitra kienet ta' livell daqstant għoli li lanqas ħobż abjad ma kont issib fuq il-mejda. Din il-festa speċjali kienet tippermetti li l-ħobż, simbolu daqstant importanti fir-ritwal tal-Ewkaristija u simbolu li jfakkar kemm fl-Aħħar Ċena u saħansitra fis-sagrifiċċju ta' Sidna Ġesù Kristu, ma jissemmiex. Meta spjegata mill-aspett purament temporali, in-nuqqas tal-iżjed ikel bażiku tindika bosta tifsiriet.



*Il-preparazzjoni tal-laħam fil-kċina tas-seklu 17, pittura ta' Vincenzo Campi*

Meta r-ritmi tal-konsum kienu wkoll iddettati mill-Knisja, il-kwalità kienet ukoll toffri dimensjoni oħra ta' ħsieb li predikatur juża b'mod intelliġenti sabiex ikompli jwassal il-kobor tal-qaddis. F'dan iż-żmien il-kongregazzjoni kienet mistennija li ssum kull nhar ta' Erbgħa, Ġimgħa u s-Sibt, nhar il-festi primarji tal-Knisja, fl-Avvent u fir-Randan. F'dawn il-jiem ma kienx permess li jittiekel laħam u prodotti magħmula mill-ħalib u bajd. Is-sawm kellu sinifikat importanti temporali sabiex jgħin il-bniedem jifhem naqra t-tbatija li għadda minnha Ġesù sabiex isalvana. Għalkemm għal dawk li ma kellhomx għaxja ta' lejla din kienet esperjenza ta' kuljum, għall-bqija tas-soċjetà l-bżonn li wieħed ibati fiżikament kienet importanti sabiex tippermetti passaġġ nadif lejn l-eternità wara l-mewt. Dawn il-prattiċi, li llum tilfu ħafna mill-importanza

tagħhom, kienu kruċjali fit-twemmin tal-poplu. Din hija soċjetà li kienet tibża' mill-mewt, jew aħjar, kienet tibża' mill-infern. F'perjodu tal-Istorja fejn ix-xjenza u l-avvanzi mediċi li nafu bihom illum kważi ma kinux jeżistu, ħafna mill-ispjegazzjonijiet tal-problemi ta' kuljum kienu jduru mad-divinità; għax hekk irid Alla. F'soċjetà fejn wieħed kien jgħix maqbud f'morsa bejn il-biżà tal-għajn ħażina u s-salvazzjoni t'Alla, id-dnub kien jifforma parti minn sistema ta' kontroll li kienet ukoll imħarsa mill-Inkwiżitur. Li tiekol ikel ipprojbit fi ġranet ta' astinenza malajr setgħet twassal biex ikollok udjenza fil-qorti tal-Inkwiżizzjoni fil-Birgu.



*It-tribunal spiritwali tal-Palazz tal-Inkwiżitur (ritratt Pierre Balzia)*

Meta wieħed iżomm f'moħħu din id-dinamika jifhem aħjar ir-raġuni li wasslet lill-predikatur li juża l-ikel bħala mezz biex jispjega l-mixja li wasslet għall-qdusija ta' San Anard. Il-fatt li għex ħajja qaddisa temporali wasslet biex dan jiġi milqugħ fil-ġenna b'dawk l-unuri kollha, fosthom mejda mżejna b'ikel eżotiku li dawk preżenti setgħu jifmhu mingħajr problem. L-aktar għal dawk li kienu qed jisimgħu fuq stonku vojt, il-predikatur ried ifiehem li t-tbatija temporali kienet it-tħejjija tar-ruħ sabiex tippurifika mid-dnub u b'hekk twassal għall-glorja tal-Ġenna.



*Skola Emiljana, Tjur u laħam fil-kċina, nofs seklu 18*

Lil hinn mis-simboliżmu, il-lista tal-ikel imsemmija mill-predikatur titfa' dawl fuq uħud minn dawk il-prodotti li kienu meqjusa ta' kwalità fil-kuntest kulinarju Malti. L-ewwel ma jispikkaw huma dawk il-prodotti li kienu jiġu importati. Saħansitra sa mis-seklu sittax, Malta kienet qed timporta ħafna prodotti tal-ikel u x-xorb mhux b'kapriċċ iżda minħabba li l-produzzjoni lokali ma kinitx qed tlaħħaq mad-domanda għax il-popolazzjoni kompliet tikber. F'dan il-każ, il-prodotti msemmija huma prodotti fini li l-għażla mirquma tagħhom tirrifletti l-importanza mogħtija lil San Anard.

Ma hemm xejn aqwa minn ikla laħam fin, speċjalment dak rari li kien jinstab fuq l-imwejjed ta' mhux iżjed minn 5% tal-popolazzjoni. Il-laħam tal-vitella, tjur tal-kaċċa, laħam tal-farawni u l-laħam tad-dundjan insibu referenzi għalihom fl-Arkivji, fosthom dokumenti li jixħtu dawl fuq il-konsum regolari ta' wħud mill-membri tal-Ordni ta' San Ġwann. Id-dundjan kien



***Bartolomeo Passerotti, Biċċiera, seklu 18***

ġie impurtat fl-Ewropa mill-Amerika Ċentrali u l-preżenza ta' dan il-prodott fuq il-mejda tindika kultura kulinarja fina li kienet titgawda minn faxxa żgħira tas-soċjetà. Jissemmew ukoll laħam partikolari bħall-vitella li dawn kienu jiġu impurtati jew minn Spanja jew mill-Italja. Jissemmew ukoll zlazi fini, influwenza tal-kċinja sofistikata Franċiża li mas-seklu tmintax tibda tiddistingwi lilha nnifisha minn fost kċejjen oħra Ewropej jew Mediterranji. Aspett ieħor li jixhed sofistikazzjoni kien rifless mill-modi differenti ta' kif kien qed jiġi imsajjar l-ikel. Dan ifisser li San Anard kien jixraqlu l-aqwa togħmiet li kienu ġew ippreparati b'ħafna attenzjoni. Id-diversi prodotti msemmija tirrifletti wkoll it-tqassim tal-ikel hekk kif kienet titlob kultura kulinarja għolja ta' dak iż-żmien. Kienet xi ħaġa normali li wieħed kien jiġi servut bejn għaxra u għoxrin platt differenti waqt ikla ta' preġju. Il-paniġierku jagħti l-lista sabiex ikompli jenfasizza l-importanza tal-kobor tal-qaddis, element spiritwali li seta' jiftiehem sew mill-kongregazzjoni li dak li kienu għadhom kif jisimgħu qatt ma setgħu jesperjenzawh f'ħajjithom. Għaldaqstant, l-ikel qed jgħin lill-poplu jifhem il-misteru tal-premju tal-Ġenna hekk kif il-ħsieb spiritwali ġie mibdul f'esperjenza temporali.



***Jean-François de Troy, Ikla fina ta' Gajdri, li tinkludi fost l-eqdem rappreżentazzjoni tax-xampanja, 1735, Musée Condé***



***Fabio Chigi bħala Nunzju fil-Polonja c.1646***

Il-Paniġierku jinkludi wkoll dawk l-inbejjed li kienu ser jintużaw sabiex wieħed seta' jbill griżmejh. Tajjeb li ngħidu li l-inbid kien jiġi kkonsmat regolarment minn kull faxxa tas-soċjetà, speċjalment minħabba li kien hemm il-biża li l-ilma seta' kien ikun infettat. Għalkemm kien hemm id-drawwa li

l-inbid jitħallat bl-ilma sabiex jinxtorob, l-inbejjed fini tal-klassi l-għolja ma kellhomx għalfejn jiġu servuti b'kwantità ta ilma. Ma nistgħux ngħidu l-istess għall-inbid ikkonsmat mill-klassi l-baxxa. Fl-1643 l-Inkwiżitur Fabio Chigi, li kien jixrob inbid mill-inqas tliet darbiet kuljum, osserva li n-nies ta' Malta "l-inbid iħalltuh bħall-ġulepp. L-ewwel jimlew it-tazza bl-ilma imbagħad iżidu l-qtar tal-inbid". Fil-fatt jidher li filwaqt li l-klassijiet l-għolja kienu 'jgħammdu' l-inbid bl-ilma biex itaffu ftit mit-togħma qawwija tal-inbid, il-klassijiet il-baxxi kien jżidu l-ilma bl-inbid sabiex itaffu mit-togħma ħażina tal-ilma u fl-istess ħin 'jiddiżinfettawh' minn xi mard li ħafna drabi kien iġorr miegħu.


*Giacomo Ceruti, Natura morta bl-inbid, Pinacoteca Brera, Milan*

Il-lista toffrilna disa' tipi ta' nbejjed, kollha impurtati minn Spanja, Franza u l-Italja. Imsemmija nsibu 'Moscatello di San Lorenzo, Vino di Sciampagna, Vino di Spagna, Vino di Begonia, Vino di Toccar, Lagrime di Napoli, Mont' alcino, Monte Pulciano u Castello'. Ħafna minn dawn l-inbejjed għadhom fis-suq illum. Għalkemm ma nafux jekk it-togħmiet għadhomx l-istess minħabba l-avvanzi li saru fil-produzzjoni tal-inbid minn dak iż-żmien, nistgħu ngħidu li wħud minn dawn l-inbejjed kienu magħrufa għat-togħma ħelwa tagħhom. Dawn l-inbejjed insibuhom ukoll fuq l-imwejjed tal-Kavallieri, prova oħra tas-sofistikazzjoni tal-kultura kulinari li konna nsibu f'Malta għal grupp żgħir ta' nies, imma wkoll għażla ta' xorb li kien jixraq fl-okkażjoni li San Leonardu kien qed jiġi onorat bħala suldat ta' Kristu.

## Referenzi


[1] Alexander Bonnici, 'Paniġierku f'Ġieħ San Leonardu li sar f'Ħal Kirkop fl-1735 mill-Kappillan Dun Vinċenz Muscat', *Programm tal-Festa 2001*, Għaqda Mużikali San Leonardu, Malta, 2001, pp.67-79; Alexander Bonnici, 'Paniġierku f'Ġieħ San Leonardu li sar f'Ħal Kirkop fl-1735 mill-Kappillan Dun Vinċenz Muscat', *Programm tal-Festa 2001*, Għaqda Mużikali San Leonardu, Malta, 2002, pp.85-93;

[2] Vincent Borg, *Melita Sacra III – The Maltese Diocese during the Seventeenth Century*, The Author, Malta, 2015, pp. 1153 - 1163.

[3] Bonnici, 2001, p.67.

[4] Archivum Cathedrale Melitense, Prediche, Vol. Pan. 91, ff. 283-304.

[5] https://www.maltagenealogy.com/maltesenobles105; https://www.geni.com/people/Count-Giuseppe-Preziosi-1st-Count-of-Preziosi/6000000021075403042 as on 30-06-2019